INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Nru. 777

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

L-14 ta' Lulju, 2004

(File No. L616/79/10)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ta' l-14 ta' Settembru, 1993, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fiż-Żejtun:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' 259 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-werrieta ta' Salvu Zammit, mil-Lvant u mix-Xlokk ma' Triq il-Bajja ta' San Tumas, jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur isfar u mmarkata bin-numru '10' fuq il-pjanta L.D. 76A/93, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi ppubblikata għall-fini ta' l-Att XI ta' l-2002.

Il-kumpens offrut hu ta' disat elef Lira Maltija (Lm9,000), skond l-Avviż ta' Ftehim tat-2 ta' Diċembru, 2002 skond l-istima tal-perit Arkitett Carmen V. Sutton, A&C.E., li kopja

No. 777

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

14th July, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration of the President of Malta dated 14th September, 1993, the undermentioned land had been declared as required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that the acquisition thereof should have been by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Żejtun:–

1. A plot of land measuring 259 square metres bounded on the North West by property of the heirs of Salvu Zammit, on the East and South East by Triq il-Bajja ta' San Tumas, or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown with the colour yellow and marked with the number '10' on plan L.D. 76A/93, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

Whereas the present Declaration by the President of Malta is being issued in terms of Act XI of 2002.

The compensation offered is nine thousand Maltese Liri (Lm9,000), according to the Notice of Agreement of the 2nd December, 2004 according to the valuation made by architect

tagħha qed tiġi ppubblikata ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* ta' l-immobbli msemmija.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President
11/06/2004

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 8375.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art fiż-Żejtun

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi), qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fiż-Żejtun, li hi meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur ta' l-istess proprjetà:

Plot 10. Biċċa art tal-kejl ta' circa 259 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-werrieta ta' Salvu Zammit u mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' Triq id-Daħla ta' San Tumas, liema art hija meqjusa bħala art fabbrikabbli fit-termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-isfar fuq il-pjanta L.D. 76A/93, hija stmata għall-valur ta' disat elef Lira Maltija (Lm9,000).

Carmen V. Sutton, A&C.E.

N.B. Dan ir-rapport ta' stima u l-pjanta mehmuża miegħu qiegħed jibdel ir-rapport datat 15 ta' Lulju, 1993 f'dak li għandu x'jaqsam mal-proprjetà msemmija.

It-2 ta' Jannar, 2002

Carmen V. Sutton, A&C.E., a copy of which is being published with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President
11/06/2004

This site plan is being published on page 8375.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Żejtun


I have been instructed by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the freehold value of the hereunder described property at Żejtun, required by Government for a public purpose, and this after taking into consideration the locality as well as other factors which could have a bearing on the value of the same property.

Plpt 10. A plot of land measuring about 259 quare metres, bounded on the North West by property of the heirs of Salvu Zammit and on the East and South by Triq id-Daħla ta' San Tumas, which land is considered as a building site in terms of the Land Acquisition (Public Services) and is shown in yellow on L.D. 76A/93, valued for the price of nine thousand Maltese Liri (Lm9,000).

Carmen V. Sutton, A&C.E.

N.B. This valuation report and the attached plan replaces the report dated 15th July, 1993 in that relating to the said property.

2nd January, 2002


Dan hu dokument ufficjali ghall-uzu biss fir-Registru tal-Artijiet
This is an official document for Land Registry use only
1327 - Direzjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern
ZEJTUN Citta' Beland
Site Plan
Pjanta tas-sit 1:2500
Government of Malta
Land Registry
Gvern Ta' Malta
Registru ta' l-Artijiet
Nru tal-Mappa: 7901(M)
Map Number:
Pjan
Artikolu
Tikketta tal-Post
Architect's Stamp
Perit Stefan Sciotto
Estate Management
Dim Xhiehla
Per Post
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Nru. 778

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

L-14 ta' Lulju, 2004

(File No. L759/89)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Illi b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-3 ta' Ottubru, 2000, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Fgura:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' 508 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Andrew Agius, jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta L.D. 334/90, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta odjerna qiegħda tiġi ppubblikata għall-fini ta' l-Att XI ta' l-2002.

Il-kumpens offrut hu ta' sebgħa u għoxrin elf, mija u sebgħin Lira Maltija (Lm27,170), skond l-Avviż ta' Ftehim

No. 778

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

14th July, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta dated 3rd October, 2000, the undermentioned land had been declared as required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that the acquisition thereof should have been by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Fgura:–

1. A plot of land measuring 508 square metres bounded on the North East by a public road, on the South West and on the North West by property of Andrew Agius, or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown with the colour red on plan L.D. 334/90, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

Whereas the present Declaration by the President of Malta is being issued in terms of Act XI of 2002.

The compensation offered is twenty seven thousand, one hundred and seventy Maltese Liri (Lm27,170), according to

tal-25 ta' Ġunju, 2001 skond l-istima tal-perit Arkitett Joseph Mizzi, A&C.E., li kopja tagħha qed tiġi ppubblikata ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* ta' l-immobbli msemmija.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President
11/06/2004

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 8378.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art fil-Fgura

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi), qieghed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fil-Fgura, li hi meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur ta' l-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' 508 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Andrew Agius, liema art hija meqjusa bħala art fabbrikabbli fit-termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 334/90, hija stmata għall-valur ta' sebgħa u għoxrin elf, mija u sebgħin Lira Maltija (Lm27,170).

Joseph Mizzi, A&C.E.

N.B. Dan ir-rapport qieghed jibdel ir-rapport datat 28 ta' Novembru 1990 f'dak li għandu x'jaqsam mal-proprjetà hawn fuq imsemmija.

L-14 ta' Mejju, 2001

the Notice of Agreement dated 25th June, 2001 according to the the valuation made by architect Joseph Mizzi, A&C.E., a copy of which is being published with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President
11/06/2004

This site plan is being published on page 8378.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Fgura


I have been instructed by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the freehold value of the hereunder described property at Fgura, required by Government for a public purpose, and this after taking into consideration the locality as well as other factors which could have a bearing on the value of the said property.

A plot of land measuring 508 square metres bounded on the North East by a public road, on the South West and north West by property of Andrew Agius, which land is considered as a building site in terms of the Land Acquisition (Public Services) and is shown in red on plan L.D. 334/90, valued for the price of twenty seven thousand, one hundred and seventy Maltese Liri (Lm27,170).

Joseph Mizzi, A&C.E.

N.B. This report replaces the report dated 28th November 1990 in that relating to the above mentioned property.

14th May, 2001


Registru ta' l-Artijiet
Land Registry
Site Plan
Pjanta tas-sit
Nru tal-Mappa: 52752M
Map Number:
Pożizzjoni Ċentrali: x = 56638
Centre Coordinates: y = 69910
Perit
Architect:
MICHAEL SCHEMBRI
Architect & Civil Engineer
Data:
Date: 04/06/2001
AREA
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Nru. 779

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

L-14 ta' Lulju, 2004

(File No. L400/2003/VII/6)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'H'Attard:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 22 metru kwadru, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà ta' Paul Mifsud, min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà ta' l-Uffiċċju Konġunt, jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur aħmar u mmarkata bin-numru '38' fuq il-pjanta P.D. Nru. 331_2003 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut hu ta' sittin Lira Maltija (Lm60), skond l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-perit arkitett Joseph Mizzi, A.&C.E.

No. 779

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration, made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

14th July, 2004

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that theundermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that the acquisition thereof should be made by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Attard:–

1. A plot of land measuring about 22 square metres, bounded on the West by property of Paul Mifsud, on the South by a public road and on the East by property of the Joint Office, or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown in red and marked number '38' on plan P.D. No. 331_2003 which may be seen on demand at the Department of Land, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered is of sixty Maltese Liri (Lm60), according to the valuation published with this declaration made by architect Joseph Mizzi, A.&C.E.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-imsemmija immobbli.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President
16/04/2004

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 8381.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art f'Ħ'Attard

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal Skopijiet Pubbliċi), qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ħ'Attard li hi meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in konsiderazzjoni l-lokalità, kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur ta' l-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' circa 22 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' beni tal-*Joint Office* u mill-Punent ma' beni ta' Paul Mifsud, liema art hija meqjusa bħala art agrikola fit-termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet, hija murija bl-aħmar u mmarkata bin-numru '38' fuq pjanta P.D. 331_2003, u stmata għall-valur ta' sittin Lira Maltija (Lm60).

Joseph Mizzi, A.&C.E.

It-18 ta' Mejju, 2004

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern u s-*site plan* f'paġna 8381 qed tissostitwixxi n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 710 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,615 tat-30 ta' Ġunju, 2004.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President
16/04/2004

This site plan is being published on page 8381.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Attard


I have been instructed by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the freehold value of the hereunder described property at Attard, required by Government for a public purpose, and this after considering the locality, as well as other matters relevant to the same property.

A plot of land measuring about 22 square metres, bounded on the South by a public road, on the East by property of the Joint Office and on the West by property of Paul Mifsud, which land is considered as agricultural land in terms of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, being shown in red and marked number '38' on plan P.D. No. 331_2003, and valued for the price of sixty Maltese Liri (Lm60).

Joseph Mizzi, A.&C.E.

18th May, 2004

This Government Notice and the site plan on page 8381 supersedes Government Notice No. 710 published in the Government Gazette No. 17,615 of the 30th June, 2004.


Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet
This is an official document for Land Registry use only [337 - Divisjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]
Gvern Ta' Malta
Pjanta tas-sit 1:2500 Site Plan
Government of Malta
Registru ta' l-Artijiet
Land Registry
Casa Rubino, 116 West Street, Valletta
Nru tal-Mappa 70468M
Map Number
Pożizzjoni Ċentrali: x = 47658
Centre Coordinates: y = 71338
Parti sakon XR:
Extracted from XR:
4631
Data: 24/05/2004
Date:
Qies (metri kwadri)
Area (square metres)
Parti
Architect
Tinħatu bil-Perit
Architect's Stamp
Perit Stefan Scotto
Estate Management
Firma tal-Applikant
Applicant's signature
Dritt Mhallu
Per Pond
ATTARD
N
Tal-Mażnlier
Ta' Dolf
Tal-Ġlost
Tal-Mażnlier
Scale 1:1000
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

AVVIŻI TAR-REĠISTRU TAL-KUMPANNIJI

Għall-finijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li s-soċjetà f'isem kollectiv A.P.M.S. Investments & Co. (P 883) b'uffiċċju reġistrat Villa Albatross, Triq l-Imdina, Attard, Malta ġiet xolta fil-15 ta' Lulju, 2002.

Ir-Reġistrazzjoni ġiet effettwata fit-2 ta' Settembru 2002.

Kull kreditur tas-soċjetà huwa infurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni permezz ta' ċitazzjoni skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 21 ta' l-Att, ix-xoljiment jibda jseħħ tliet xhur wara d-data tal-publikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO, LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

NOTICES OF REGISTRY OF COMPANIES

Notice is hereby given for the purpose of paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 that A.P.M.S. Investments & Co. (P 883) with a registered office at Villa Albatross, Triq l-Imdina, Malta was dissolved on the 15th July 2002.

Registration was effected on 2nd September 2002.

Any creditor of the partnership is advised that unless objection by wirt of summons, in terms of subsection (2) of section 21 of the Act, the dissolution shall become shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO, LL.D.
Registrar of Companies

Għall-finijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li s-soċjetà f'isem kollectiv Homeartware Enterprises (P 638) b'uffiċċju reġistrat, Homeware Enterprises, 49, Grace Street, Żebbuġ, Malta ġiet xolta fil-21 ta' Mejju 2004.

Ir-Reġistrazzjoni ġiet effettwata fil-5 ta' Lulju 2004.

Kull kreditur tas-soċjetà huwa infurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni permezz ta' ċitazzjoni skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 21 ta' l-Att, ix-xoljiment jibda jseħħ tliet xhur wara d-data tal-publikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO, LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Notice is hereby given for the purpose of paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 that Homeartware Enterprises (P 638) with a registered office at Homeware Enterprises, 49, Grace Street, Żebbuġ, Malta was dissolved on the 21st May 2004.

Registration was effected on 5th July 2004.

Any creditor of the partnership is advised that unless objection by wirt of summons, in terms of subsection (2) of section 21 of the Act, the dissolution shall become shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO, LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li l-isem tal-kumpannija Dragonara Casino Restaurant Limited (C 24762) b'uffiċċju rreġistrat Dragonara Casino, Dragonara Road, St Julians, Malta ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fid-9 ta' Ottubru 2003 minħabba l-fużjoni tagħha ma' Dragonara Casino Limited (C 23950) skond is-subartikolu 1 ta' l-Artikolu 353 ta' dan l-Att.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub-section (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the name of the company Dragonara Casino Restaurant Limited (C 24762) with registered office at Dragonara Casino, Dragonara Road, St Julians, Malta was struck off the Register on 9th October 2003 by virtue of its merger into Dragonara Casino Limited (C 23950) in terms of subsection 1 of Section 353 of the Act.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Għal finijiet tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 353 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji ngħarrfu li l-għaqda bejn Dragonara Casino Limited (C 23950) b'uffiċċju rreġistrat Dragonara Casino, Dragonara Road, St Julians, Malta (il-kumpannija li takkwista) u Dragonara Casino Restaurant Limited (C 24762) b'uffiċċju rreġistrat Dragonara Casino, Dragonara Road, St Julians, Malta (il-kumpannija li tiġi akkwistata) ġiet fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2003.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

For the purpose of subsection (2) of Section 353 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the amalgamation of Dragonara Casino Limited (C 23950) with registered office at Dragonara Casino, Dragonara Road, St Julians, Malta (the acquiring company) and Dragonara Restaurant Limited (C 24762) with regsitered office at Dragonara Casino, Dragonara Road, St Julians, Malta (the company being acquired) became effective on 9th October, 2003.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 192 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetàjiet Kummerċjali ngħarrfu li fis-27 ta' April 2004.

Kopji ta' riżoluzzjonijiet straordinarji ta' Luzon Shipping Company Limited (C 24364), Geo Navigation Company Limited (C 11317), Earl Shipping Company Limited (C 12659), Isla Maritime Company Limited (C 11346), Orac Shipping Company Limited (C 36415), Gemma Transport Company Limited (C 14224), Log Shipping Company Limited (C 14485), Ola Maritime Company Limited (C 14087), Panay Shipping Company Limited (C 26405), Duke Transport Company Limited (C 12990) u Delos Maritime Company Limited (C 14093) li japprovaw il-fużjoni tagħhom f' Asian Luck Shipping Company Limited (C 23996) b'uffiċċju rreġistrat 171, Old Bakery Street, Valletta, Malta.

Kopja tad-dokumenti li permezz tiegħu sseħħ l-għaqda ġew ikkonsenjati għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni.

Ir-Reġistrazzjoni ġiet effettwata fis-7 ta' Lulju 2004.

Il-kredituri tal-kumpannija msemmija huma infurmati li jekk ma ssirx oppożizzjoni skond il-liġi, l-għaqda tibda sseħħ tliet xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In terms of paragraph (d) of subsection (1) of section 192 of the Commercial Partnerships Ordinance, it is hereby notified that on the 27th April 2004.

Copies of extraordinary resolutions taken by Luzon Shipping Company Limited (C 24364), Geo Navigation Company Limited (C 11317), Earl Shipping Company Limited (C 12659), Isla Maritime Company Limited (C 11346), Orac Shipping Company Limited (C 36415), Gemma Transport Company Limited (C 14224), Log Shipping Company Limited (C 14485), Ola Maritime Company Limited (C 14087), Panay Shipping Company Limited (C 26405), Duke Transport Company Limited (C 12990) u Delos Maritime Company Limited (C 14093) into Asian Luck Shipping Company Limited (C 23996) with registered office at 171, Old Bakery Street, Valletta, Malta.

A copy of the instrument of amalgamation of the companies was delivered for registration and publication.

Registration was effected on 7th July 2004.

All creditors of the said companies are advised that unless objection to the merger is lodged in terms of law, amalgamation shall become effective three months after publication of this notice.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 192 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetàjiet Kummerċjali ngħarrfu li fit-13 ta' Mejju 2004.

Kopji ta' riżoluzzjonijiet straordinarji ta' Baltea Shipping Co Ltd (C 13846), Grande America Shipping Co Ltd (C 21549), Grande Europa Shipping Co Ltd (C 22008), Hydra Shipping Co Ltd (C 24870), Mikonos Shipping Co Ltd (C 22754), PO Shipping Co Ltd (C 13844), Riparia Shipping Co Ltd (C 13847) u Skiathos Shipping Co Ltd (C 25594) li japprovaw il-fużjoni tagħhom f' Adige Shipping Co Ltd (C 13845) b'uffiċċju rreġistrat 21/22 Santa Barbara Bastions, Valletta.

Kopja tad-dokumenti li permezz tiegħu sseħħ l-għaqda ġew ikkonsenjati għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni.

Ir-Reġistrazzjoni ġiet effettwata fit-8 ta' Lulju, 2004.

Il-krediturì tal-kumpannija msemmija huma infurmati li jekk ma ssirx oppożizzjoni skond il-liġi, l-għaqda tibda sseħħ tliet xhur wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 tal-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji ngħarrfu li l-membri tal-kumpannija li se tiġi diviża D.O. Development Limited (C 30957) b'uffiċċju rreġistrat Sunrise Court Flat 5 F.M. Ferretti Street, Qajjenza, Birżebbuġa b'riżoluzzjoni straordinarja datata 13 ta' Mejju 2004 approvaw l-abbozz tal-kundizzjonijiet tad-diviżjoni u l-abbozz tal-memorandum u l-abbozz ta' l-istatut ta' kull kumpannija ġdida li se tiġi ffurmata D. O. Limited u D.O. Holdings Limited b'uffiċċju rreġistrat Sunrise Court Flat 5 F.M. Ferretti Street, Qajjenza, Birżebbuġa skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 374 tal-Att.

Ir-reġistrazzjoni ġiet effettwata fit-8 ta' Lulju, 2004.

Kull kreditur tal-kumpannija li se tinqasam huwa infurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni permezz ta' ċitazzjoni, skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 368 tal-Att, id-diviżjoni tibda sseħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In terms of paragraph (d) of subsection (1) of section 192 of the Commercial Partnerships Ordinance, it is hereby notified that on the 13th May 2004.

Copies of extraordinary resolutions taken by Baltea Shipping Co Ltd (C 13846), Grande America Shipping Co Ltd (C 21549), Grande Europa Shipping Co Ltd (C 22008), Hydra Shipping Co Ltd (C 24870), Mikonos Shipping Co Ltd (C 22754), PO Shipping Co Ltd (C 13844), Riparia Shipping Co Ltd (C 13847) u Skiathos Shipping Co Ltd (C 25594) into Adige Shipping Co Ltd (C 13845) with registered office at 21/22 Santa Barbara Bastions, Valletta.

A copy of the instrument of amalgamation of the companies was delivered for registration and publication.

Registration was effected on 8th July 2004.

All creditors of the said companies are advised that unless objection to the merger is lodged in terms of law, amalgamation shall become effective three months after publication of this notice.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

In accordance with paragraph (e) of sub-section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the members of the company being divided D.O. Development Limited (C 30957) with registered office at Sunrise Court Flat 5 F.M. Ferretti Street, Qajjenza, Birżebbuġa have by extraordinary resolution dated 13th May 2004 approved the draft terms of division and the draft memorandum and the draft articles of each of the new companies being formed D.O. Limited and D.O. Holdings Limited with registered office at Sunrise Court Flat 5 F.M. Ferretti Street, Qajjenza, Birżebbuġa, in terms of subsection (3) of section 374 of the Act.

Registration was effected on 8th July 2004.

Any creditor of the company being divided is advised that unless objection is lodged, by writ of summons, in terms of subsection (2) of Section 368 of the Act, the division shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji ngħarrfu li l-membri tal-kumpannija li se tiġi diviża Port Cottonera Limited (C 22891) b'uffiċċju rreġistrat Palace of the Captain of the Galleys, 20, St Angelo Waterfront, Vittoriosa, Malta u l-kumpanniji riċevituri Abonmarche Limited (C 31049) b'uffiċċju rreġistrat The Treasury Building, St. Angelo Waterfront, Vittoriosa, Kimsky Limited (C 30676) b'uffiċċ ju rreġistrat il-Palazzo, Triq tal-Virtu, l/o Rabat, John Ripard & Son (Shipping) Limited (C 20097) b'uffiċċju rreġistrat 22, Lascaris Wharf, Valletta, E.W.P. Limited (C 30816) b'uffiċċ ju rreġistrat 6, Goldfield House, Dun Karm Street, Birkirkara, Boncas Limited (C 31025) b'uffiċċju rreġistrat Slipway 6, Marsa Cross Road, Marsa u Realco Cottonera Limited (C 31000) b'uffiċċju rreġistrat MC Group, Triq l-Imħallef Paul Debono, Msida ikkonsenjaw, għall-finijiet ta' l-Artikolu 367 tal-Att , ir-riżoluzzjonijiet starordinarji li japprovaw il-qsim datati 15 ta' Marzu 2004 flimkien mad-dokumenti li jagħtu seħħ lill-qsim.

Ir-reġistrazzjoni ġiet effettwata fis-7 ta' Lulju 2004.

Kull kreditur tal-kumpannija li se tinqasam huwa infurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni permezz ta' ċitazzjoni, skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 368 ta' l-Att, id-diviżjoni tibda sseħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub-section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the members of the company being divided Port Cottonera Limited (C 22891) with registered office at Palace of the Captain of the Galleys, 20, St Angelo Waterfront, Vittoriosa, Malta and the recipient companies Abonmarche Limited (C 31049) with registered office at The Treasury Building, St. Angelo Waterfront, Vittoriosa, Kimsky Limited (C 30676) with registered office at il-Palazzo, Triq tal-Virtu, l/o Rabat, John Ripard & Son (Shipping) Limited (C 20097) with registered office at 22, Lascaris Wharf, Valletta, E.W.P. Limited (C 30816) with registered office at 6, Goldfield House, Dun Karm Street, Birkirkara, Boncas Limited (C 31025) with registered office at Slipway 6, Marsa Cross Road, Marsa u Realco Cottonera Limited (C 31000) with registered office at MC Group, Triq l-Imħallef Paul Debono, Msida submitted for registration, for the purposes of Section 367 of the Act, the extraordinary resolutions approving the division and dated 15th March 2004 together with the instruments giving effect to the division.

Registration was effected on 7th July 2004.

Any creditor of the company being divided is advised that unless objection is lodged, by writ of summons, in terms of subsection (2) of Section 368 of the Act, the division shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu 1 ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji ngħarrfu li 25 ta' Ġunju 2004 id-diretturi tal-kumpannija G.P.N.C. Company Limited (C 20225) b'uffiċċju rreġistrat Sunseeker Holiday Complex, Trejqet il-Kulpara, Buġibba, St. Paul's Bay, SPB 04, Malta għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni kopja tar-riżoluzzjoni straordinarja li tapprova l-bdil tal-kumpannija b'responsabbiltà limitata f'soċjetà 'en nom collectif' flimkien ma' kopja ta' l-Att tas-Soċjetà skond is-subartikolu 1 ta' l-Artikolu 331 ta' dan il-Att.

Reġistrazzjoni ġiet effettwata fis-7 ta' Lulju 2004.

Kull kreditur ta' din il-kumpannija huwa infurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni skond il-liġi, il-bidla tibda sseħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub-section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that on the 25th June 2004 the directors of the company G.P.N.C. Company Limited (C 20225) with registered office at Sunseeker Holiday Complex, Trejqet il-Kulpara, Buġibba, St. Paul's Bay SPB 04, Malta delivered for registration and publication a copy of the extraordinary resolution approving the conversion of the company into a partnership 'en nom collectif' together with a copy of the Deed of Partnership in terms of subsection 1 of Section 331 of the said Act.

Registration was effected on 7th July 2004.

Any creditor of the said company is advised that unless objection is lodged in terms of law, the conversion shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu 1 ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji ngħarrfu li 29 ta' Diċembru 2003 id-diretturi tal-kumpannija Zammit & Zammit Limited (C 9020) b'uffiċċju rreġistrat 29, Sir Michelangelo Refalo Avenue, Balzan BZN 07, Malta għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni kopja tar-riżoluzzjoni straordinarja li tapprova l-bdil tal-kumpannija b'responsabbiltà limitata f'soċjetà 'en nom collectif' flimkien ma kopja ta' l-Att tas-Soċjetà skond is-subartikolu 1 ta' l-Artikolu 331 ta' dan il-Att.

Reġistrazzjoni ġiet effettwata fis-7 ta' Lulju 2004.

Kull kreditur ta' din il-kumpannija huwa infurmat li jekk ma ssirx oppożizzjoni skond il-liġi, il-bidla tibda sseħħ tliet xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with paragraph (e) of sub-section 1 of Section 401 of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that on the 29th December 2003 the directors of the company Zammit & Zammit Limited (C 9020) with registered office at 29, Sir Michelangelo Refalo Avenue, Balzan BZN 07, Malta delivered for registration and publication a copy of the extraordinary resolution approving the conversion of the company into a partnership 'en nom collectif' together with a copy of the Deed of Partnership in terms of subsection 1 of Section 331 of the said Act.

Registration was effected on 7th July 2004.

Any creditor of the said company is advised that unless objection is lodged in terms of law, the conversion shall become effective on the lapse of three months from the date of publication of the statement referred to in paragraph (e) of subsection (1) of Section 401 of the Companies Act, 1995.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond l-Artikolu 332 (2) ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li l-bdil tas-soċjetà f'isem en nom collectif b'responsabbiltà limitata Toncass (P 980) f'kumpannija li ġġib l-isem Toncass Limited (C 34244) b'uffiċċju reġistrat San Niklaw, Triq is-Sajjieda, M'Scala bdiet isseħħ fit-12 ta' Ġunju 2004.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with Section 332 (2) of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the conversion of the partnership en nom collectif Toncass (P 980) into a limited liability company bearing the name Toncass Limited (C 34244) with registered office at San Niklaw, Triq is-Sajjieda, M'Scala has become effective on the 12th June 2004.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond l-Artikolu 332 (2) ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ngħarrfu li l-bdil tal-kumpannija b'responsabbiltà limitata Thejair Company Limited (C 26854) f'socjeta f'isem en nom collectif li ġġib l-isem Thejair (P 1007) b'uffiċċju reġistrat Jothel, B. Bontadini Street, Balzan BZN 07 bdiet isseħħ fl-1 ta' Novembru 2003.

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

In accordance with Section 332 (2) of the Companies Act, 1995 it is hereby notified that the conversion of the limited liability company Thejair Company Limited (C 26854) into a partnership en nom collectif bearing the name Thejair (P 1007) with registered office at Jothel, B. Bontadini Street, Balzan BZN 07 has become effective on the 1st November 2003.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

Skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325 tal-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, ir-Reġistratur tal-Kumpanniji jgħarraf li l-kumpanniji hawn taħt imsemmija għandhom jitqiesu bħala xolti u isimhom jitħassar minn fuq ir-reġistru, f'għeluq tliet xhur mid-data ta' dan l-avviż, sakemm ma tintwerix raguni biex isir il-kuntrarju.

L-attivi tal-kumpanniji msemmija jgħaddu f'idejn il-Gvern ta' Malta meta isimhom jitħassar minn fuq ir-reġistru.

Isem Name	Numru ta' Reġistrazzjoni Reġistration *Number*
A.K. Silver Limited	C 10474
Alps Ltd	C 10526
B.J. Modegroep (Malta) Limited	C 10499
Balluta Waterline Caterers Company Limited	C 10519
Briffa Construction Limited	C 10561
C & M Caterers Limited	C 10542
Cachia & Mamo Limited	C 6692
Capuana Investments Limited	C 10533
Dar Al Marefa Limited	C 10488

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

Notice is hereby given by the Registrar of Companies, in terms of subsection (2) of Section 325 of the Companies Act, 1995, that the under-mentioned companies shall be deemed to be dissolved and their names shall be struck off the register, at the expiration of three months from the date of this notice, unless cause is previously shown to the contrary.

The assets of the said companies shall devolve upon the Government of Malta once their names are struck off the register.

Isem Name	Numru ta' Reġistrazzjoni Registration *Number*
Design Engineering & Construction Company Limited	C 10477
Fauzza Enterprises Limited	C 10597
G.F.P. (Enterprises) Ltd	C 10578
Jesca Services Ltd	C 10493
Mechanic Company Limited	C 10586
Skola Publications And Enterprising For Learning Ltd	C 10490
Star Limited	C 10458
Touristplan Limited	C 10539

DOTT ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

B'riferenza għall-avviż li kien ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju 2004 rigward ix-xoljiment u t-tħassir minn fuq ir-reġistru, fl-għeluq tat-tliet xhur mid-data ta' dak l-avviż, tal-kumpanniji msemmija f'paġna 2720 ta' l-istess Gazzetta, ngħarrfu illi l-kumpannija hawn taħt imsemmija mhux se tithassar minn fuq ir-reġistru f'għeluq dawk it-tliet xhur għaliex, skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, intweriet raġuni biex isir il-kuntrarju.

Isem	Numru ta' Reġistrazzjoni
Munch Bunch Company Limited	C 10375
Pinnacle Limited	C 17481
Primu Construction Co. Ltd	C 10224

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

With reference to the notice that was published in the Government Gazette dated 11th June 2004 regarding the dissolution and striking off the register, at the expiration of three months from the date of said notice, of the companies mentioned on page 2720 of said Gazette, it is hereby notified that the name of the undermentioned company shall not be struck off the register at the expiration of said three months as, in terms of subsection (2) of section 325 of the Companies Act, 1995, cause was previously shown to the contrary.

Name	*Registration* Number
Munch Bunch Company Limited	C 10375
Pinnacle Limited	C 17481
Primu Construction Co. Ltd	C 10224

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

B'riferenza għall-avviż li kien ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju 2004 imsemmija f'paġna 5728 ta' l-istess Gazzetta, ngħarrfu illi l-ismijiet u n-numri tar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji għandhom jinqraw Advances Water Technology Limited (C 18521) u EuroMalta Express Company Limited (C 16064) u mhux Advances Water Technology Limited (C 19020) u EuroMalta Express Company Limited (C 18799).

DOTT. ANTON BARTOLO LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

With reference to the notice that was published in the Government Gazette dated 11th June 2004 on page 5728 of said Gazette, we hereby notify that the names and registration numbers of the companies should read Water Technology Limited (C 18521) and EuroMalta Express Company Limited (C 16064) and not Advances Water Technology Limited (C 19020) and EuroMalta Express Company Limited (C 18799).

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2003 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
Acts of Parliament passed during 2003 (in print form)	Lm 8.00c
Annual Reports of Government Departments – 2002	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Document	Lm 3.00c
Customs Tariff	Lm 5.30c
Diskors tal-*Budget* 2004	Lm 1.00c
Economic Survey January - September 2003	Lm 2.00c
Electoral Register, April 2004	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, April 2004	Lm30.48c
Estimates 2004	Lm 2.00c
Financial Report 2003	Lm 2.50c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Legal Notices 2003 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Broadcasting Policy	no charge
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2002	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2003	Lm20.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2001	Lm 3.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
Work and Activities of the National Audit Office 2003	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*